KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
JÄÄSKINEN
ippreżentati fl-14 ta' Ġunju 2012[1]

**Kawża C-56/11**

**Raiffeisen-Waren-Zentrale Rhein-Main eG**
**vs**
**Saatgut-Treuhandverwaltungs GmbH**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja)]

"Drittijiet Komunitarji ta' varjetajiet ta' pjanti — Regolament (KE) Nru 2100/94 — Artikolu 14 — Privileġġ tal-bdiewa — Regolament (KE) Nru 1768/95 — Artikolu 9 — Fornitur ta' servizzi ta' pproċessar — Obbligu ta' informazzjoni impost fuq dan il-fornitur fir-rigward tad-detentur ta' varjetà ta' pjanta — Rationae temporis ta' dan l-obbligu — Talba għal informazzjoni mressqa mid-dentenur ta' varjetà ta' pjanta — Kundizzjonijiet — Indizji li jagħtu lok għal dritt ta' tagħrif tal-fornitur — Nuqqas ta' obbligu li jiġu ppreżentati provi ta' sostenn tal-eżistenza ta' dawn l-indizji"

## I – Introduzzjoni

1. Permezz tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, l-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94[2] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku"), dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità, kif ukoll tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 1768/95[3] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' implementazzjoni") li jimplimenta regoli dwar l-eżenzjoni agrikola prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament bażiku.

2. Id-domandi preliminari saru fil-kuntest ta' kawża bejn soċjetà kooperattiva bl-isem ta' Raiffeisen-Waren-Zentrale Rhein-Main eG (iktar 'il quddiem "Raiffeisen"), li toffri servizzi ta' pproċessar, u kumpannija oħra, Saatgut-Treuhandverwaltungs GmbH (iktar 'il quddiem "STV"), korp li jirrappreżenta l-interessi tad-dententuri ta' varjetajiet ta' pjanti[4]. Il-kawża tikkonċerna talba għal informazzjoni mressqa minn STV lil Raiffeisen skont is-sitt inċiż tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament ta' implementazzjoni, bil-għan li tikseb informazzjoni dwar ċerti snin ta' kummerċjalizzazzjoni ta' żrieragħ iċċertifikati.

3. Id-domandi preliminari juru r-relazzjoni trijangulari li teżisti bejn id-detenturi ta' varjetajiet ta' pjanti protetti, il-bdiewa li jagħmlu użu mid-deroga prevista fl-Artikolu 14 tar-Regolament bażiku — magħruf ukoll bħala l-"privileġġ tal-bdiewa" — u l-impriżi li jipproċessaw iż-żrieragħ, u li lilhom id-detenturi jistgħu jressqu, fil-kuntest tas-sistema stabbilita mill-privileġġ tal-bdiewa, talbiet għal informazzjoni marbuta mal-varjetajiet li jappartjenu lid-dententuri u li huma s-suġġett ta' servizzi ta' pproċessar.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Regolament tal-Kunsill tas-27 ta' Lulju 1994 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 16, p. 390).

3 — Regolament tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 1995 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 18, p. 63).

4 — Għal aktar dettalji dwar l-attivitajiet ta' STV, ara s-sentenza tal-11 ta' Marzu 2004, Jäger (C-182/01, Ġabra p. I-2263, punt 17).

4. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tifforma parti minn serje ta' talbiet preliminari mressqa minn qrati Ġermaniżi dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament bażiku u tar-Regolament ta' implementazzjoni [5]. It-talba attwali tikkonċerna, b'mod iktar preċiż, min-naħa, ir-*rationae temporis* tal-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar fir-rigward tad-dententur ta' varjetà ta' pjanta, u, min-naħa l-oħra, fuq il-kundizzjonijiet li għandha tissodisfa talba għal informazzjoni mressqa mid-detentur lil fornitur ta' servizzi ta' pproċessar.

## II – Il-kuntest ġuridiku

### A – *Ir-Regolament bażiku*

5. Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament bażiku, id-dritt għall-protezzjoni Komunitarja ta' varjetajiet ta' pjanti jappartjeni lil min ikabbarhom, iddefinit bħala "[i]l-persuna li tkun kabbret, jew skopriet jew żviluppat il-varjetajiet, jew is-suċċessur tiegħu [tagħha] fit-titolu".

6. Taħt it-titolu "Drittijiet tad-detentur ta' dritt tal-Komunità [dritt tal-protezzjoni Komunitarja] tal-varjetajiet ta' pjanti u atti pprojbiti", l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku jipprovdi:

"1. Dritt tal-Komunità [dritt ta' protezzjoni Komunitarja] tal-varjetajiet ta' pjanti għandu jkollu l-effett li d-detentur jew id-detenturi ta' dritt tal-Komunità [dritt ta' protezzjoni Komunitarja] tal-varjetajiet ta' pjanti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'id-detentur', ikollu d-dritt li jagħmel l-atti stabbiliti fil-paragrafu 2.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 15 u 16, l-atti li ġejjin dwar kostitwenti tal-varjetajiet, jew materjal maħsud tal-varjetajiet protetti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'il-materjal', għandu jeħtieġ l-awtorizzazzjoni tad-detentur:

a) produzzjoni jew riproduzzjoni (moltiplikazzjoni);

[...]

Id-detentur jista' jqiegħed fis-suq l-awtorizzazzjoni tiegħu suġġett għal kondizzjonijiet u limitazzjonijiet.

[...]"

7. Il-privileġġ tal-bdiewa jissemma' fl-Artikolu 14 tar-Regolament bażiku b'dan il-mod:

"Minkejja l-Artikolu 13(2), u għall-għanijiet tal-ħarsien tal-produzzjoni agrikola, il-bdiewa huma awtorizzati li jużaw għal għanijiet ta' propagazzjoni fl-għalqa, fuq l-art tagħhom il-prodott tal-ħsad li jkunu akkwistaw permezz taż-żergħa [tal-koltivazzjoni], fuq l-art tagħhom, materjal ta' propagazzjoni ta' varjetajiet minbarra varjetajiet mħallta jew sintetiċi, li jkunu skoperti [koperti] minn dritt tal-Komunità [dritt ta' protezzjoni Komunitarja] tal-varjetajiet ta' pjanti."

5 — Ara s-sentenzi tal-10 ta' April 2003, Schulin (C-305/00, Ġabra p. I-3525); Jäger, iċċitata iktar 'il fuq; tal-14 ta' Ottubru 2004, Brangewitz (C-336/02, Ġabra p. I-9801), kif ukoll tat-8 ta' Ġunju 2006, Deppe *et* (C-7/05 sa C-9/05, Ġabra p. I-5045). Ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Geistbeck (C-509/10), pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

8. Il-kundizzjonijiet li jippermettu li jingħata effett lill-privileġġ tal-bdiewa u li jiġu ssalvagwardjati l-interessi leġittimi ta' min ikabbar u tal-bidwi huma koperti mill-Artikolu 14(3) tal-imsemmi regolament. B'mod partikolari, fit-tieni u s-sitt inċiż tiegħu, ir-regolament jipprovdi kif ġej:

— "il-prodott tal-ħsad jista' jiġi proċessat għaż-żergħa [għall-koltivazzjoni], jew mill-bidwi nnifsu jew permezz ta' servizzi mogħtija lilu […]

— it-tagħrif relevanti għandu jkun ipprovdut lid-detenturi fuq talba tagħhom, minn bdiewa u dawk li jipprovdu s-servizzi ta' l-ipproċessar […]".

B – *Ir-Regolament ta' implementazzjoni*

9. L-Artikolu 2 tar-Regolament ta' implementazzjoni huwa fformulat kif ġej:

"1. Il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom ikunu implementati kemm mid-detentur, li jirrappreżenta lil dak li jrabbi, u mill-bidwi b'mod illi jiġu mħarsa l-interessi leġittimi ta' xulxin.

2. L-interessi leġittimi ma jitqiesux imħarsa jekk wieħed jew iktar minn dawn l-interessi huma affettwati ħażin mingħajr ma jittieħed kont tal-bżonn illi jinżamm bilan[ċ] ġust bejn kull wieħed minnhom, jew tal-bżonn ta' proporzjonalità bejn l-għan tal-kondizzjoni relevanti u l-effett attwali ta' l-implimentazzjoni tagħha."

10. L-Artikolu 9(2) u (3) ta' dan ir-regolament jikkonċerna l-informazzjoni li għandha tingħata mill-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar lid-detentur ta' varjetà ta' pjanta jekk ebda kuntratt dwar din l-informazzjoni ma jkun ġie konkluż bejn id-detentur u l-fornitur:

"2. […] dak li jipproċessa [il-fornitur] għandu, bla ħsara għal ħtiġijiet ta' informazzjoni skond leġislazzjoni oħra tal-Komunita jew skond liġijiet ta' l-Istati Membri, fuq talba tad-detentur, jagħmel stqarrija lid-detentur dwar l-informazzjoni relevanti. Il-punti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala relevanti:

(a) isem il-bidwi [il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar], il-post tad-domiċilju tiegħu u l-indirizz ta' l-ażjenda tiegħu;

(b) il-fatt jekk il-bidwi [il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar] għamilx użu jew le mill-prodott [ipprovdiex servizzi ta' pproċessar tal-prodott] tal-ħsad li jappartjeni għal varjeta waħda jew iżjed tad-detentur għaż-żargħa [għall-koltivazzjoni] fl-għalqa jew fl-egħlieqi ta' l-ażjenda tiegħu, [meta l-varjetà jew il-varjetajiet inkwistjoni jkunu ġew iddikjarati lill-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar jew kienu magħrufa minnu];

(ċ) jekk dak li jipproċessa [il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar] jkun ta dan is-servizz, l-ammont tal-prodott tal-ħsad li jappartjeni għall-varjetà jew varjetajiet konċernati, li jkun ġie proċessat biex jinżergħa, minn dak li jipproċessa [mill-imsemmi fornitur], u l-ammont kollu li joħroġ minn dak il-proċessar;

(d) id-dati u l-postijiet ta' l-ipproèssar [l-ipproċessar] msemmijin f' (c); u

(e) l-isem u l-indirizz tal-persuna jew persuni li lilhom ikun ingħata s-servizz ta' proèssar [pproċessar] msemmi f'(c), u l-ammonti rispettivi.

3. L-informazzjoni taħt paragrafu 2(b), (c), (d) u (e) għandha tirreferixxi għas-sena tas-suq kurrenti u għal sena waħda jew aktar mit-tliet [6] snin tas-suq [ta' kummerċjalizzazzjoni] ta' qabel li għalihom id-detentur ma jkunx għamel talba aktar qabel skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 jew 5; madankollu, l-ewwel sena tas-suq li għaliha tirreferixxi l-informazzjoni, għandha tkun dik li fiha tkun saret l-ewwel talba dwar il-varjetà jew varjetajiet u l-proċessur [il-fornituri ta' servizzi ta' pproċessar] konċernati.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8(4) għandhom japplikaw mutatis mutandis.

[...]"

**III – Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

11. Reiffeisen hija kooperattiva ċentrali agrikola li toffri lill-bdiewa servizzi ta' pproċessar taż-żrieragħ, li permezz tagħhom hija tippakkja l-prodott ta' ħsad għall-ħażna tiegħu u għall-koltivazzjoni tiegħu fil-futur.

12. Dawn is-servizzi huma offruti, min-naħa, lid-detenturi ta' varjetajiet ta' pjanti, irrappreżentati b'mod partikolari minn STV, organizzazzjoni tad-detenturi ta' varjetajiet ta' pjanti, li għandhom jiksbu, fil-kuntest ta' kuntratti ta' koltivazzjoni, il-propagazzjoni ta' żrieragħ iċċertifikati sabiex jiġu kkummerċjalizzati, u min-naħa l-oħra, lill-bdiewa li jikkoltivaw iż-żrieragħ skont il-privileġġ tal-bdiewa previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament bażiku.

13. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li Raiffeisen wettqet servizzi ta' pproċessar f'isem bdiewa differenti għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 u 2006/2007, fil-kuntest ta' kuntratti ta' koltivazzjoni f'isem detenturi ta' varjetajiet ta' pjanti rrappreżentati minn STV.

14. Wara dikjarazzjonijiet ta' kuntratti ta' koltivazzjoni mingħand il-bdiewa kkonċernati, STV bagħtet żewġ serje ta' talbiet għal informazzjoni lil Raiffeisen dwar is-servizzi ta' pproċessar li hija kienet ipprovdiet lilhom. Parti mit-talbiet tressqet wara l-iskadenza tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata.

15. Raiffeisen ma weġbitx fl-affirmattiv għal dawk it-talbiet billi invokat, f'dan ir-rigward, tliet serje ta' motivi sabiex tiġġustifika r-rifjut tagħha. Fl-ewwel lok, hija kkunsidrat li t-talba għal informazzjoni kellha tinkludi l-elementi li jindikaw li hija pprovdiet servizzi ta' pproċessar li jaqgħu taħt l-obbligu ta' informazzjoni skont is-sitt inċiż tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament bażiku. Fit-tieni lok, hija qieset li biss it-talbiet għal informazzjoni mressqa matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni, li għaliha l-informazzjoni tirreferi, huma ġuridikament rilevanti. Fit-tielet lok, l-ebda indizju ta' koltivazzjoni eventwali ta' żrieragħ ma jista' jiġi dedott mis-servizzi ta' pproċessar li ġew ipprovduti fil-kuntest ta' kuntratt ta' koltivazzjoni f'isem id-detentur.

16. STV ppreżentat rikors kontra Raiffeisen sabiex iġġiegħlha twieġeb għat-talbiet ta' informazzjoni. Il-qorti tal-ewwel istanza laqgħet it-talbiet għal informazzjoni ta' STV billi kkunsidrat li, min-naħa, ma kien hemm l-ebda terminu ta' dekadenza sabiex jitressqu talbiet għal informazzjoni u, min-naħa l-oħra, li d-dikjarazzjonijiet ta' kuntratti ta' koltivazzjoni kienu jikkostitwixxu indizji suffiċjenti sabiex iwasslu għall-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur, sa fejn il-bidwi li jwettaq koltivazzjoni fuq il-bażi ta' kuntratt ta' propagazzjoni għandu l-possibbiltà konkreta li jikkoltiva ż-żrieragħ. Raiffeisen ippreżentat appell minn din id-deċiżjoni quddiem l-Oberlandesgericht Düsseldorf.

6 — L-aġġettiv numeriku "tliet" ma jidhirx fil-verżjoni Franċiża tar-Regolament ta' implementazzjoni. Ara punti 25 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

17. F'dawn iċ-ċirkustanzi, permezz ta' deċiżjoni li waslet fil-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Frar 2011, il-Qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Il-fornitur ta' operazzjonijiet ta' pproċessar għandu biss iwettaq l-obbligu li jipprovdi informazzjoni taħt is-sitt inċiż tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 2100/94 u tal-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament Nru 1768/95 fil-każ fejn it-talba għal informazzjoni tal-proprjetarju tasal għandu qabel l iskadenza tas-sena tas-suq koperta mit-talba (jew l-iktar sena reċenti fil-każ li jkun hemm diversi snin tas-suq?)

2. Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

Talba għal informazzjoni hija 'ppreżentata fit-terminu previst' fil-każ fejn fit-talba tiegħu l-proprjetarju jsostni li għandu indizji li l-fornitur wettaq jew ser iwettaq operazzjonijiet ta' pproċessar fuq prodott ta' ħsad li l-bidwi, li ismu ssemma' fit-talba, kiseb permezz tat-tħawwil tal-prodott ta' propagazzjoni tal-varjetà protetta, jew inkella l-prova tal-indizji invokati għandha barra minn hekk tiġi prodotta lill-fornitur fit-talba għal informazzjoni (pereżempju permezz tat-trażmissjoni ta' kopja tad-dikjarazzjoni tat-tħawwil tal-bidwi)?

3. Indizji li jagħtu lok għal obbligu ta' informazzjoni tal-fornitur tal-operazzjonijiet ta' pproċessar jistgħu jirriżultaw mill-fatt li l-fornitur, fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju tal-proprjetarju, jeżegwixxi l-kuntratt ta' propagazzjoni intiż għall-produzzjoni ta' żerriegħa li tista' tinbiegħ tal-varjetà protetta, li l-proprjetarju kkonkluda ma' bidwi marbut bil-propagazzjoni, fejn u peress li l-bidwi jingħata *de facto* l-possibbiltà, fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-imsemmi kuntratt, li juża parti miż-żerriegħa ta' propagazzjoni miksuba bl-għan li titħawwel?"

18. L-osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-partijiet fil-kawża prinċipali kif ukoll mill-Gvern Spanjol u mill-Kummissjoni Ewropea. Il-partijiet fil-kawża prinċipali u l-Kummissjoni kienu rrappreżentati fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2012.

## IV – Analiżi

### A – *Rimarki preliminari*

19. Qabelxejn, għandhom jiġu enfasizzati l-elementi prinċipali tas-sistema li fuqhom huwa bbażat il-privileġġ tal-bdiewa. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 14 tar-Regolament bażiku jistabbilixxi bilanċ bejn, min-naħa, l-interessi tad-detenturi ta' varjetajiet ta' pjanti u min-naħa l-oħra, dawk tal-bdiewa.

20. Il-privileġġ tal-bdiewa, li huwa d-dritt tal-bdiewa li jikkoltivaw, mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tad-detentur, il-prodott tal-ħsad miksub mill-koltivazzjoni tal-materjal ta' propagazzjoni ta' varjetà suġġetta għal dan il-privileġġ, jinkludi wkoll effettivament obbligu ta' informazzjoni impost fuq l-istess bdiewa kif ukoll obbligu li jħallsu remunerazzjoni ġusta lid-detentur ta' varjetà ta' pjanta, li jippermetti li jiġu ssalvagwardjati l-interessi leġittimi reċiproċi tal-bdiewa u tad-detenturi fir-relazzjonijiet diretti tagħhom[7].

7 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Brangewitz, iċċitata iktar 'il fuq (punt 43). Ara wkoll il-punt 46 tal-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Geistbeck, iċċitati iktar 'il fuq.

21. Għal dak li jirrigwarda, sussegwentement, ir-rwol tal-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar, it-tieni inċiż tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament bażiku jipprovdi li l-prodott tal-ħsad jista' jiġi ppreparat sabiex jinżera' mill-bidwi nnifsu jew minn fornitur ta' servizzi. Id-dritt ta' dan il-fornitur li jwettaq attivitajiet marbuta mal-preparazzjoni tal-prodott tal-ħsad joriġina għalhekk mill-privileġġ tal-bdiewa [8]. L-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornituri ta' servizzi ta' pproċessar, bħal Raiffeisen f'dan il-każ, fir-rigward tad-detentur huwa bbażat fuq is-sitt inċiż tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament bażiku. Il-portata u l-modalitajiet tal-imsemmi obbligu huma ppreċiżati fl-Artikolu 9 tar-Regolament ta' implementazzjoni.

22. Għall-finijiet tal-eżami tad-domandi preliminari, huwa għalhekk neċessarju li wieħed iqis ir-rekwiżit ta' bilanċ li fuqu hija bbażata għalhekk is-sistema stabbilita mill-Artikolu 14 tar-Regolament bażiku kif ukoll mir-Regolament ta' implementazzjoni.

## B – *Dwar il-portata rationae temporis tal-obbligu ta' informazzjoni*

23. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar il-portata tal-obbligu ta' informazzjoni ta' fornituri ta' servizzi ta' pproċessar. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-detentur għandu jkun awtorizzat li jressaq talba għal informazzjoni lil fornitur ta' servizzi ta' pproċessar li tikkonċerna waħda mill-varjetajiet tiegħu affettwati mill-privileġġ tal-bdiewa meta dan id-detentur ikollu xi indikazzjoni li l-fornitur ipprovda jew għandu l-ħsieb li jipprovdi servizzi ta' pproċessar tal-prodott tal-ħsad miksub mill-koltivazzjoni ta' materjal ta' propagazzjoni ta' din l-istess varjetà sabiex din tiġi kkoltivata [9].

24. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ddeċidietx fuq l-aspetti temporanji tal-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni, u li jifforma s-suġġett tal-kawża preżenti.

### 1. Il-perijodu kopert mit-talba

25. Infakkar qabelxejn li l-Artikolu 9(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni jippreċiża l-kontenut tal-informazzjoni li jifforma s-suġġett tal-obbligu tal-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar. Is-subparagrafu 3 tal-istess artikolu jikkonċerna l-perijodu li għalih tirreferi l-informazzjoni li għandha tingħata skont it-tieni parti tas-subparagrafu 2. L-imsemmi perijodu jikkorrispondi, bħala prinċipju, għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kurrenti u għal waħda jew iktar minn tliet snin ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti, b'konformità mal-ewwel parti tal-imsemmi subparagrafu 3 [10].

26. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 9(3) ta' dan ir-regolament huma diverġenti. Filwaqt li l-maġġoranza tal-verżjonijiet lingwistiċi, bħall-verżjoni Ingliża, Ġermaniża, Daniża, Spanjola, Finlandiża, Ungeriża, Taljana u Svediża jirreferu għal waħda jew iktar mit-*tliet* snin tas-suq preċedenti, il-verżjoni Franċiża teskludi l-aġġettiv numeriku "tliet".

8 — Sentenza Brangewitz, iċċitata iktar 'il fuq (punt 44).

9 — Sentenza Brangewitz, iċċitata iktar 'il fuq (punt 53). Ara wkoll is-sentenza Schulin, iċċitata iktar 'il fuq (punt 63).

10 — Skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni tibda mill-1 ta' Lulju ta' kull sena u tintemm fit-30 ta' Ġunju tas-sena kalendarja sussegwenti.

27. Konsegwentement, ir-referenza unika għall-verżjoni Franċiża tista' għalhekk iġġiegħel x'taħseb li l-possibbiltajiet għat-tressiq ta' talba għal informazzjoni ma hijiex limitata fiż-żmien. Madankollu, peress li ma huwiex possibbli li tasal b'ċertezza għal konklużjonijiet biss fid-dawl ta' din id-diverġenza, għandha tiġi eżaminata d-dispożizzjoni inkwistjoni fil-kuntest tagħha, billi jittieħed kont, b'mod partikolari, tal-iskop tagħha [11].

28. Ir-Regolament ta' implementazzjoni huwa intiż li jistabbilixxi, kif imsemmi espressament fl-Artikolu 2(2) tiegħu, bilanċ bejn l-interessi reċiproki tad-detenturi u tal-bdiewa. F'dan ir-rigward, jien nikkunsidra li jkun ukoll kontrarju għal dan il-bilanċ jekk l-Artikolu 9(3) jiġi interpretat fis-sens li talba għal informazzjoni tista' tikkonċerna numru illimitat ta' snin preċedenti. Għalhekk, sabiex jiġi milħuq il-bilanċ tal-interessi kkonċernati, wieħed għandu jibda mill-prinċipju li t-talba għal informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu 9 tista' tkopri sa tliet snin ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti.

29. Barra minn hekk, interpretazzjoni mod ieħor tista' tkun kontrarja għar-rekwiżiti taċ-ċertezza legali tal-fornituri ta' servizzi ta' pproċessar, għaliex hija kieku timponi fuqhom l-obbligu li jżommu b'mod indefinit l-informazzjoni li eventwalment tista' tintalab mid-detenturi.

30. Din l-interpretazzjoni hija barra minn hekk ikkorroborata mill-Artikolu 8(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni. Huwa minnu li dan l-artikolu jirregola l-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-bidwi, iżda, peress li l-kontenut tiegħu huwa kważi identiku għal dak tal-Artikolu 9 tal-istess regolament, jista' jiġi kkunsidrat b'mod parallel miegħu. F'dan ir-rigward, nosserva, kif tagħmel il-Kummissjoni, li l-preżenza tal-kelma "tliet" fid-dispożizzjoni korrispondenti — l-istess fil-verżjoni Franċiża — tal-Artikolu 8(3) ta' dan ir-regolament tista' tiġi interpretata li tesprimi l-intenzjoni tal-leġiżlatur li jillimita fiż-żmien il-portata tat-talba għal informazzjoni b'konformità mal-għan intiż sabiex jiġi stabbilit bilanċ bejn l-interessi kkonċernati protetti mill-imsemmi regolament.

2. Il-limitazzjonijiet li jikkonċernaw il-perijodu kopert mit-talba

31. Mill-kliem tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni jirriżulta li l-perijodu li għalih jirreferi l-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur huwa madankollu suġġett għal limitazzjoni doppja. Minn naħa, skont l-ewwel parti tal-Artikolu 9(3) ta' dan ir-regolament, dan l-obbligu jintemm għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni li għaliha d-detentur ikun diġà ressaq talba għal informazzjoni.

32. Min-naħa l-oħra, it-tieni parti tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni jippreċiża wkoll li l-ewwel sena li għaliha tirreferi din l-informazzjoni hija dik "li fiha tkun saret l-ewwel talba dwar il-varjetà jew varjetajiet u l-proċessur [il-fornituri ta' servizzi ta' pproċessar] konċernati" [12].

33. L-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar huwa wkoll suġġett għat-tressiq ta' talba għal informazzjoni mid-detentur. Barra minn hekk, inizjalment din it-talba tirreferi biss għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni li matulha d-detentur invoka d-dritt tiegħu li jingħata informazzjoni. Hekk ukoll, skont l-ewwel parti tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni, informazzjoni tista' tiġi rikjesta għall-perijodu li jista' jestendi sa tliet snin ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti bil-kundizzjoni li d-detentur ikun diġà ressaq talba għal informazzjoni lill-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar matul l-ewwel waħda mis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni preċedenti.

11 — Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, in-neċessità ta' interpretazzjoni uniformi ta' diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni teħtieġ, f'każ ta' diverġenzi bejniethom, li d-dispożizzjoni inkwistjoni tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għan tal-leġiżlazzjoni li din id-dispożizzjoni tifforma parti minnha. Ara f'dan ir-rigward, b'mod partikolari, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2011, Møller (C-585/10, Ġabra p. I-13407, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

12 — Għal dak li jirrigwarda l-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-bidwi, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 8(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni jinkludi dispożizzjoni analoga.

34. Fi kliem ieħor, meta l-każ jirrigwarda l-ewwel talba dwar varjetà waħda jew iktar, it-talba tista' tikkonċerna biss dik is-sena li matulha t-talba tkun tressqet lill-imsemmi fornitur. Fid-dawl tan-neċessità li jiġi ggarantit bilanċ bejn l-interessi kkonċernati, il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar li jkun għadu qatt ma rċeva talba għal informazzjoni dwar xi varjetà għandu għalhekk jkun protett kontra kull obbligu ta' informazzjoni retroattiv.

35. Dan ma japplikax meta talba għal informazzjoni dwar varjetà speċifika tkun diġà tressqet minn qabel lill-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar. F'dan il-każ, il-perijodu li għalih l-informazzjoni rilevanti għandha tingħata huwa speċifikat fl-ewwel parti tas-subparagrafu 3 tal-istess artikolu. Fi kliem ieħor, id-data tat-talba għal informazzjoni u is-"sena tas-suq [ta' kummerċjalizzazzjoni] kurrenti" jikkostitwixxu l-punt tat-tluq għall-kalkolu tat-tliet snin preċedenti kkonċernati minn talba għal informazzjoni.

C – *Dwar l-indizji li għandhom jiġu pprovduti mid-detentur*

36. Minbarra l-aspetti taż-żmien li ġew invokati dwar l-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar, it-talba għal deċiżjoni preliminari tikkonċerna sussidjarjament in-natura tal-indizji li għandhom jiġu pprovduti mid-detentur insostenn tat-talba tiegħu għal informazzjoni skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

37. Qabelxejn, għandu jiġi rrilevat li t-talba għal deċiżjoni preliminari ma tippreċiżax jekk, f'dan il-każ, hijiex l-"ewwel" talba skont it-tieni parti tal-Artikolu 9(3). Konsegwentement, għandha tingħata wkoll risposta għat-tieni domanda, li permezz tagħha l-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk l-indizji ta' koltivazzjoni jew ta' attività intiża għall-ipproċessar għandhomx jiġu ġġustifikati wkoll permezz ta' provi li jinsabu fit-talba għal informazzjoni sabiex din tkun tista' tagħti lok għall-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur, u għalhekk li tiġi ppreżentata fit-termini skont it-tieni parti tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament ta' implementazzjoni.

1. L-obbligu tad-detentur li jkollu indizju li l-fornitur ipprovda jew għandu l-ħsieb li jipprovdi servizzi ta' pproċessar

38. Nixtieq nosserva mill-bidu li r-Regolament ta' implementazzjoni ma jirrikjedix espressament li d-detentur jsemmi fit-talba tiegħu għal informazzjoni l-indizji li huwa għandu dwar il-koltivazzjoni. Jibqa' l-fatt li l-eżistenza tal-elementi invokati tikkostitwixxi kundizzjoni li ma hijiex miktuba, stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenzi Schulin u Brangewitz, li għandhom, f'kull każ, jiġu osservati.

39. F'dan ir-rigward, nosserva li fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Brangewitz, iċċitata iktar 'il fuq, l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer għamel distinzjoni konvinċenti bejn ir-rekwiżiti li jagħtu lok għall-obbligu ta' informazzjoni tal-bdiewa, minn naħa, u tal-fornituri ta' servizzi ta' pproċessar min-naħa l-oħra[13].

40. Qabelxejn, filwaqt li rrefera għas-sentenza Schulin, iċċitata iktar 'il fuq, l-Avukat Ġenerali stabbilixxa li d-detentur ma jistax iressaq talba għal informazzjoni lill-bidwi minħabba s-sempliċi fatt li dan jappartjeni għal dik il-professjoni. Kuntrarjament, id-detentur għandu jkollu indizju li l-bidwi għamel użu jew ser jagħmel użu mid-deroga prevista fl-Artikolu 14 tar-Regolament bażiku[14].

13 — Ara l-punti 34 *et seq* tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz Jarabo Colomer fil-kawża Brangewitz, iċċitata iktar 'il fuq.
14 — Sentenza Schulin, iċċitata iktar 'il fuq (punt 57).

41. Sussegwentement, huwa qies li, għal dak li jirrigwarda l-fornituri ta' servizzi ta' pproċessar, is-sitwazzjoni hija differenti. B'hekk, hemm probabbiltà kbira li l-impriżi ta' pproċessar ta' żrieragħ jużaw, fl-eżerċizzju ta' din il-professjoni, materjal ta' propagazzjoni ta' varjetà protetta. Peress li, jekk ma jkunux iffirmaw kuntratt, l-ebda relazzjoni ġuridika ma torbothom mad-detentur u li l-bdiewa jistgħu jirrikorru għal dawn it-tipi ta' impriżi meta jagħmlu użu mid-deroga, jidher loġiku li d-detenturi għandhom ikollhom id-dritt li jitolbu informazzjoni lil xi wieħed jew ieħor minnhom sabiex jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirċievu remunerazzjoni ġusta. L-Avukat Ġenerali kkonkluda li, fid-dawl tal-irwol tal-fornituri ta' servizz ta' pproċessar fil-kuntest tal-privileġġ tal-bdiewa, id-detenturi għandhom jitħallew iressqu talbiet għal informazzjoni lil dawn il-fornituri mingħajr ma jġibu prova li dawn ipproċessaw materjal protett fl-istallazzjonijiet tagħhom [15].

42. Skont dan ir-raġunament, l-indizji li għandhom jinġiebu għall-finijiet tat-tressiq ta' talba għal informazzjoni lil bidwi huma għalhekk iktar numerużi milli fil-każ ta' talba indirizzata lill-fornituri ta' servizzi ta' pproċessar. Madankollu, jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja ma segwietx il-proposta tal-Avukat Ġenerali esposta iktar 'il fuq, billi osservat li d-detentur għandu jkun awtorizzat iressaq talba għal informazzjoni lil fornitur ta' servizzi ta' pproċessar dwar waħda mill-varjetajiet tiegħu affettwata mill-privileġġ tal-bdiewa bil-kundizzjoni li *huwa jkollu xi indizju li l-fornitur ipprovda jew kellu l-ħsieb li jipprovdi* servizzi ta' pproċessar tal-prodott tal-ħsad miksub mill-koltivazzjoni ta' materjal ta' propagazzjoni tal-imsemmija varjetà bil-għan li jiġi kkoltivat [16].

43. Konsegwentement, jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħmilx distinzjoni bejn id-destinatarji differenti tat-talbiet għal informazzjoni mressqa mid-detentur. Għalhekk, ser inwettaq l-analiżi tiegħi billi nibbaża ruħi fuq din il-premessa.

2. L-assenza ta' obbligu tad-detentur li jipproduċi l-prova tal-eżistenza tal-indizji

44. Skont ir-raġunament imsemmi iktar 'il fuq tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa suffiċjenti għalhekk li d-detentur ikollu indizju li s-servizzi ta' pproċessar ġew ipprovduti jew ser jiġu pprovduti mill-fornitur sabiex ikun jista' jressaq talba għal informazzjoni. Min-naħa l-oħra, hija ma imponietx fuq id-detentur l-obbligu li jipproduċi l-prova tal-eżistenza ta' dan l-indizju.

45. Għal dak li jikkonċerna n-natura tal-indizji li jagħtu lok, minn naħa, għad-dritt tad-detentur li jressaq talba għal informazzjoni u, min-naħa l-oħra, għall-obbligu tal-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar li jagħtih l-informazzjoni, huwa neċessarju, qabelxejn, li tiġi rrilevata l-importanza partikolari tan-neċessità li jiġu ssalvagwardjati l-interessi leġittimi reċiproċi tad-detentur u tal-bidwi, skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' implementazzjoni.

46. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li l-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar, minkejja li jiddependi fuq l-użu minn bidwi tad-deroga stabbilita fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament bażiku u fuq id-deċiżjoni tiegħu li jirrikorri għas-servizzi tal-fornitur, huwa marbut mal-varjetajiet tal-pjanti li huwa pprepara u mhux mal-klijent tiegħu li huwa l-bidwi [17]. Konsegwentement, meta d-dentertur iressaq talba għal informazzjoni lill-fornitur, dan tal-aħħar

15 — Ara l-punti 37 *et seq* tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz Jarabo Colomer fil-kawża Brangewitz, iċċitata iktar 'il fuq. L-Avukat Ġenerali osserva wkoll, fil-punt 38 tal-konklużjonijiet tiegħu, li "meta l-persuni li jkunu kabbru, skoprew jew żviluppaw il-varjetà iressqu talba lill-fornituri ta' servizzi ta' pproċessar [...] huma għandhom qabelxejn jivverifikaw jekk il-fornituri pproċessawx iż-żrieragħ ta' waħda mill-varjetajiet tagħhom sabiex imbagħad jiddeterminaw, fl-affirmattiv, il-kwantitajiet, id-dati, il-postijiet ta' provvista u l-benefiċjarji tas-servizz. Li kieku l-leġiżlatur ried li, sabiex jiġi kkuntattjat fornitur ta' servizzi ta' pproċessar, id-detentur għandu jkollu indizju li huwa pproċessa materjal protett fl-istallazzjonijiet tiegħu, [pereżempju, permezz ta' informazzjoni li l-bidwi huwa obbligat jipprovdi skont l-Artikolu 8(2)(d) tar-Regolament Nru 1768/95], l-Artikolu 9 kien jiġi fformulat b'mod li l-impriża tillimita ruħha li tikkonferma d-dettalji magħrufa mid-detentur. Madankollu, jif jirriżulta b'mod ċar mis-subparagrafu 2(b) u (e) tiegħu, dan ma huwiex il-każ".

16 — Sentenza Brangewitz, iċċitata iktar 'il fuq (punt 53).

17 — Sentenza Brangewitz, iċċitata iktar 'il fuq (punt 62).

għandu jagħti l-informazzjoni rilevanti li tirrigwarda mhux biss il-bdiewa li fil-konfront tagħhom id-detentur għandu indizju li l-fornitur ipprovda jew għandu l-ħsieb li jipprovdi dawn is-servizzi, iżda wkoll il-bdiewa l-oħra kollha li lilhom huwa pprovda jew kellu l-ħsieb li jipprovdi tali servizzi, sakemm il-varjetà inkwistjoni tkun ġiet iddikjarata lid-detentur jew kienet magħrufa lilu b'mod ieħor [18].

47. Sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-bilanċ li fuqu huwa bbażat il-privileġġ tal-bdiewa, b'mod partikolari fil-kuntest tar-Regolament ta' implementazzjoni li jimplementa dan il-privileġġ, id-detentur għandu jkun awtorizzat jitlob informazzjoni lil fornitur ta' servizzi ta' pproċessar meta huwa jkollu indizju li l-fornitur ikun ipprovda, jew għandu l-ħsieb li jipprovdi, servizzi ta' pproċessar tal-prodott tal-ħsad miksub mill-koltivazzjoni ta' materjal ta' propagazzjoni tal-imsemmija varjetà bil-għan li jiġi kkoltivat.

48. Fil-fatt, skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament ta' implementazzjoni, il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar huwa obbligat jikkomunika lid-detentur dikjarazzjoni dwar l-informazzjoni rilevanti li l-kontenut tagħha huwa ppreċiżat f'din l-istess dispożizzjoni. Tali komunikazzjoni hija neċessarja meta d-detentur ikollu biss indizju li l-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar ipprovda jew għandu l-ħsieb li jipprovdi tali servizzi fir-rigward tal-prodott tal-ħsad miksub mill-bdiewa permezz tal-koltivazzjoni ta' materjal ta' propagazzjoni ta' varjetà tad-detentur bil-għan li jiġi kkoltivat [19].

49. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-akkwist tal-materjal ta' propagazzjoni ta' varjetà ta' pjanta pprotetta li tappartjeni għad-detentur għandha tiġi kkunsidrata bħala indizju [20]. Bl-istess mod, ninsab inklinat nikkunsdra li l-informazzjoni mogħtija mill-bdiewa skont l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' implimentazzjoni jistgħu jikkostitwixxu indizji li jagħtu lok għall-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar fil-konfront tad-detentur.

50. Bħall-Kummissjoni, jiena nikkunsidra li huma l-qrati tal-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw każ b'każ jekk tali indizji fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq jeżistux jew le. Fl-evalwazzjoni tagħhom, huma għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi u ċ-ċirkustanzi speċifiċi kollha tal-każ ikkonċernat. F'dan ir-rigward, l-indizji mitluba mill-ġurisprudenza jistgħu, pereżempju, jirriżultaw minn kuntratt ta' koltivazzjoni ta' varjetà protetta bil-għan li jiġu prodotti żrieragħ li jistgħu jiġu kkummerċjalizzati fil-kuntest ta' liċenzja maħruga mid-detentur.

51. Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li l-eżiġenzi marbuta mal-indizji li jagħtu lok għad-dritt ta' informazzjoni tad-detentur kemm fir-rigward tal-bidwi kif ukoll tal-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar, għalija jidhru ftit baxxi. Konsegwentement, il-fatt li tkun saret koltivazzjoni jew li ġie pprovdut servizz ta' pproċessar jew, għall-inqas, li jkun hemm il-ħsieb li dan isir, bil-għan li ssir tali koltivazzjoni, jista' jikkostitwixxi indizju rilevanti, peress li huma dawn l-elementi li jagħtu lok għad-drittijiet tad-detentur skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament bażiku.

## V – Konklużjoni

52. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf kif ġej:

"1) Il-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar għandu jissodisfa l-obbligu ta' informazzjoni skont is-sitt inċiż tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94, tas-27 ta' Lulju 1994, dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità, u l-Artikolu 9(2) u (3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1768/95, tal-24 ta' Lulju 1995, li jimplimenta regoli dwar l-eżenzjoni

18 — Sentenza Brangewitz, iċċitata iktar 'il fuq (punt 65).

19 — Sentenza Brangewitz, iċċitata iktar 'il fuq (punti 61 u 63). Ara wkoll, għal dak li jirrigwarda l-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-bidwi, is-sentenza Schulin, iċċitata iktar 'il fuq (punti 63 u 64).

20 — Sentenza Schulin, iċċitata iktar 'il fuq (punt 65).

agrikola prevista fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 2100/94, bil-kundizzjoni li t-talba għal informazzjoni mressqa mid-detentur tasallu qabel l-iskadenza tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata jew tal-aħħar sena ta' kummerċjalizzazzjoni jekk diversi snin huma kkonċernati . Madankollu, jekk din hija 'l-ewwel talba' fis-sens tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 1768/95, tali talba għandha titressaq matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kurrenti.

2) Ma huwiex neċessarju li talba għal informazzjoni, imressqa skont it-tieni parti tal-Artikolu 9(3) tar-Regolament Nru 1768/95, titressaq flimkien ma' provi dwar l-eżistenza tal-indizji msemmija fit-talba għal informazzjoni. Għaldaqstant, huwa biżżejjed li d-detentur jiddikjara fit-talba tiegħu li huwa għandu indizju li l-fornitur ipprovda, jew għandu l-ħsieb li jipprovdi, servizzi ta' pproċessar fil-konfront tal-prodott tal-ħsad li bidwi speċifiku kiseb bis-saħħa tal-koltivazzjoni tal-materjal ta' propagazzjoni tal-varjetà protetta u li għandu l-ħsieb li jikkoltivah.

3) Għandha tkun il-qorti nazzjonali li tevalwa l-fatti tal-każ quddiemha, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni sabiex tiddetermina jekk jeżistux indizji li l-fornitur ta' servizzi ta' pproċessar ipprovda, jew għandu il-ħsieb li jipprovdi, tali servizzi."